MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 136/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Farrugia (originarjament imputat flimkiem ma’ Carmel Joseph Farrugia) talli fl-Imsida nhar id-29 ta’ Jannar, 2002 wara nofs in-nhar (**1**) bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkustanza sabiex dan il-fatt jew cirkustanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat; (**2**) kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizja Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar; u, aktar (**3**) talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess

data u cirkustanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta` kontra riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew gharraq b’xi mezz li jkun hwejjeg tieghu (jew ta’ haddiehor);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imputat Anthony Farrugia mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, skond it-tieni parti tat-tieni imputazzjoni, u skond it-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kwindi lliberatu mill-istess imputazzjonijiet, izda sabitu hati skond l-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni u lliberatu taht il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

Rat it-talba ta’ l-istess Anthony Farrugia, maghmula fl-udjenza tat-30 ta’ Gunju, 2003, ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza, liema talba giet debitament akkordata mill-Qorti Inferjuri; rat ukoll ir-rikors tieghu tad-9 ta’ Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza tat-30 ta’ Gunju, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udenzi tal-21 ta’ Novembru, 2003 u tas-6 ta’ Frar, 2004; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, in sostanza, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li huwa ma “iddenunzja” ebda reat li kien jaf li ma sarx lill-Pulizija Ezekuttiva, u dan peress li dak li qal lill-Pulizija (u cioe` li hu kien illarga ghal ftit hin mill-hanut u li meta rritorna, wara li sejjah ghall-assistenza ta’ iben sid il-hanut, sab lill-istess sid il-hanut marbut bit-*tape* ma’ siggu u sab ukoll taqlib fl-istess hanut) qalu meta kien qed jigi interrogat mill-istess Pulizija. Fi kliem iehor, l-appellant qed jeccepixxi li dak li qal lill-Pulizija Ezekuttiva ma qalux spontaneament, izda qalu fuq inizjattiva ossia mistoqsija jew mistoqsijiet li sarulu mill-istess ufficjali. Inoltre jghid li kien iben sid il-hanut li sejjah lill-Pulizija u ddenunzja r-reat, u mhux hu.

Hawnhekk qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni verbali jew diretta ta' reat[1]. Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tar-reat ta' kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awotorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati l-formalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 *et. seq.* tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti[2]. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta' kalunja (Art. 101), hemm gurisprudenza fis-sens li d-denunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. L-ewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta' Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Nicola Brincat et*** (deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci)[3]. F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon fil-ktieb tieghu **Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza** [4]. Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX ta' l-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu[5] – din id-disposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l-Artikolu 211 tal-*Codice Zanardelli* [6]. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontaneita` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu,

---

[1] Ghad-differenza bejn simulazzjoni verbali (jew diretta) ta' reat u simulazzjoni reali (jew indiretta) ta' reat, ara ***Il-Pulizija v. David Mizzi*** App. Krim. 16 ta' Frar, 1998.

[2] ***Il-Pulizija v. Nicholas Ellul*** App. Krim. 21 ta' Novembru, 1985.

[3] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Bashir Mohtar Ben Duoi u Luccarda sive Luckie Pace*** App. Krim. 26 ta' Awissi, 1998.

[4] Malta, 1872.

[5] "Lectures in Criminal Law – Year II", p. 68.

[6] Articolo 211: "Chiunque denunzia all'Autorita` giudiziaria o ad un pubblico ufficiale, il quale abbia obbligo di riferirne all'Autorita` stessa, u reato che sa non essere avvenuto, ovvero ne simula le tracce, in modo che si possa iniziare un procedimento penale per accertarlo, e` punito….". Fil-kodici vigenti Taljan, l-artikolu li jitratta s-simulazzjoni ta' reat huwa l-Artikolu 367.

sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva". L-inkriminazzjoni skond l-Artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awitorita` kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. Francesco Antolisei, a propositu tar-reat kontemplat fl-Artikolu 367 tal-Kodici vigenti Taljan, jghid hekk:

**A proposito della prima forma va notato che l'espressione "denuncia" non e` usata nell'articlo 367 in senso tecnico. Essa comprende anche il referto e il rapporto e, in genere, ogni *notitia crminis*, orale o scritta, non importa se presentata spontaneamente dal soggetto o per invito dell'Autorita` (per es., in un interrogatorio).** [7]

U anke l-insinji awtur Luigi Majno, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 211, jghid hekk:

**Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e` neccessaria la spontaneita` assoluta della denunzia: applicarsi quindi l'art. 210 [recte: 211] alla falza denunzia [anche quando e`] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale.** [8]

U Ranieri Babboni jissintezza hekk l-iskop ta' l-inkriminazzjoni u r-rwol tad-denunzja:

**Trattandosi di un delitto contro l'amministrazzione della giustizia, l'elemento obiettivo del medesimo sta nell'inganno della gustizia stessa, che, per effetto della denunzia, deve procedere alle relative indagini, e**

[7] Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II***, Giuffre` (Milano), 1986, p. 895.
[8] Majno, L., ***Commento al Codice Penale Italiano – Volume Secondo***, UTET (Torino), 1924, p. 312, para. 1088.

**niuna importanza ha la mancanza nella denunzia dei requisiti degli art. 98-100 cod. proc. pen., purchè vi sia la possibilità di un procedimento. Sull'attitudine della denunzia a determinare l'attività degli organi giudiziari non possono stabilirsi regole precise, e ogni giudizio in proposito dipende dall'apprezzamento dei fatti nei singoli casi. Può in generale affermarsi che la denunzia deve provenire da persona in grado di comprendere l'atto che compie, e deve riferirsi a un fatto che si presenti nell'insieme come un reato. <u>Non è neccessario che la denunzia sia fatta spontaneamente, potendo essere costituita anche da risposte date all'Autorità giudiziaria, che venga per tal modo informata del preteso reato</u>. Equivale a denuncia la conferma davanti all'Autorità giudiziaria della notizia d'un reato fornita precedentemente ad altra Autorità.** (sottolinear ta' din il-Qorti). [9]

Issa, fil-kaz in dizamina jidher li l-appellant l-ewwel darba li gab a konjizzjoni tal-Pulizija il-fatt tas-suppost serqa jew *hold-up* li kien sehh fuq sid il-hanut (meta kien l-appellant stess li kien rabat lil sid il-hanut u ghenu jqalleb xi affarijiet biex ataparsi kien hemm din is-serqa) <u>kien meta waslu l-Pulizija fuq il-post u bdew jistaqsu lil dawk li kienu prezenti – inkluz lill-appellant – x'kien gara</u> (ara d-deposizzjoni ta' l-Ispettur Valletta a fol. 19). Jigifieri f'dan il-kaz u sa dana l-istadju, lanqas jista' jinghad li kien hemm xi interrogatorju formali; jidher li kien hemm biss mistoqsijiet preliminari li, bhalma dejjem isir, jaghmlu l-Pulizija biex ikollhom idea ta' x'suppost gara. Fil-fehma tal-Qorti bil-fatt li l-appellant, f'dana l-istadju, verbalment ta informazzjoni lill-Pulizija li kienet kjarament tavalla t-tezi ta' *hold-up* huwa kien qieghed effettivament jiddenunzja lill-istess Pulizija reat li huwa kien jaf ben tajjeb li ma sehhx. Anqas jista' jkun ta' utilita` lill-appellant il-fatt li in segwitu, meta interrogat aktar dettaljatament u formalment, huwa ammetta li ma kienx minnu dak li kien qal u li ma kienx minnu li kien sehh serq fil-hanut ossia *hold-up* fuq sid il-hanut, u dan peress li r-reat in kwistjoni huwa wiehed formali li jigi kkunsmat

[9] Babboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (Milano), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.

appena l-fatt inveritjer jingieb (konsapelvolment) a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva:

**…il reato e` consumato con la presentazione della denuzia, altro non richiedendo l'art. 211: onde la successiva, e anche pronta, confessione del mendaccio non varrebbe ad eliminarlo.** [10]

Konsegwentement dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu fis-sens li huwa kien gie koatt ossia kostrett jaghmel dak li ghamel mill-principal tieghu:

***"Illi inoltre jrid jigi konsidrat illi l-esponenti kien qed jagixxi taht pressjoni tal-*employer *tieghu stess u kieku ma obdiex kien jitlef l-impieg tieghu. L-esponenti bhala ragel b'familja u bi tfal xi jmantni ma setax jiehu r-riskju li jitlef l-impieg tieghu u ghalhekk l-ordni tal-*employer *tieghu kellha effett qawwi u l-esponenti spicca biex ghamel dak li realment ma riedx jaghmel."***

Issa, ghalkemm huwa veru li l-appellant agixxa fuq struzzjonijiet tal-principal tieghu, u forsi kien hemm ukoll xi ftit ta' axxendent da parti tal-principal fuq l-impjegat, u anke xi biza' da parti ta' l-appellant li jekk ma jaghmilx dak li kien gie ordnat lilu kien jitlef l-impieg tieghu, madanakollu minn qari akkurat kemm tad-deposizzjoni ta' l-istess appellant quddiem l-ewwel qorti kif ukoll tad-deposizzjoni ta' martu, ma jistax jinghad li jirrizultaw l-estremi ta' l-iskriminanti kontemplata fl-Artikolu 47(a) tal-Kap. 9. Il-pressjoni li kien tahtha l-appellant ma kienitx irrezistibbli.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' tlett snin tal-liberazzjoni taht kondizzjoni jibda jiddekorri mil-lum.

---

[10] Majno, L., *ibid.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------